# XBIHET MALTA

*Versi miktubin wara li rajt taqbida fuq Malta fl-Aħbarijiet taċ-Ċinematografu "Luxor", Twickenham, fis-16 ta' Diċembru 1941.*

Did-darba, għażiża gżira, ġewwa sidri
il-ġamra ma xegħlitx tas-sliema w l-hena
xħin fuq liżar bajdani lill-miġemgħa
urejt, b'rasek merfugħa,
id-daqqiet ħorox li ġarrabt bis-sabar.
Nar, iżda, xegħel ta' qilla,
ta' saħta u ta' mibegħda
lejn min, mogħni bil-għira,
nesa ġrajjiet uliedek l-imgħoddija
u ħaseb li f'jumejn sejjer jeqirdek.

Il-agħa tan-nies madwari qata' f'daqqa:
ħadd ma tniffes.
B'għajnejhom imsammrin fuq it-taqbida
ħarxa fis-sema safi,

ilkoll baqgħu mistagħġba bi qlubitek;
semgħu għalenija
jinbħu l-kanuni qishom klieb tal-kaċċa
malli jintebħu li l-barrani riesaq;
raw fi smewwietek
ifaqqgħu u jinfaqgħu
jiftħu qotnija l-għajburiet tal-balal;
u lemħu, waqt li seħtu,
f'nofshom iserrpu 'l hawn u 'l hinn qerrieda;
faħxija
ġwienaħ l-egħdewwa
li bla mistħija
jitilqu l-mewt mis-sema
fuq nisa u tfal, ukoll fuq xjuħ u morda.

Intagħfset qalbi meta rat il-ħerba:
djar il-Kbarat, il-ġid tal-Kavalieri,
djar il-ħaddiem, il-wirt ta' saħtu w għarqu,
Djar il-kbir Alla, saħansitra, mġarrfa,
kollox taħlita waħda—
żara' tal-kiefer qabel tfarrak fuqek,
mill-qalbiena minfud ġellieda tagħna.
U n-nies madwari tniegħdet u tħassritek;
qorbu għala widnejja
kelmiet ta' ħniena,
u jien ħassejt ukoll, għax qabel tlaqtek,
ċkejkna art twelidi,
ħallejtek daħkanija, kollok ħajja,
tgħum taħt ix-xemx t'Awissu
fietel fl-ikħal tal-baħar,
u noħlom ma kont qatt x'għad trid iġġarrab.
Iżda xħin rat in-nies u jiena magħhom,
imtabba' mis-smewwiet neżlin il-ġwienaħ
mill-qilla maħkumin tal-balal tagħna,
isaffru bil-ħsarat fil-waqgħa tagħhom,
ilsna tan-nar u dħaħen ħerġin minnhom,
o, kif instemgħet tidwi u titriegħed,
mas-sala kollha ddamdam
l-għajta serrieħa
minn kemm-il fomm kien hemm!
Imbagħad l-għajjat ferrieħi żdied u tqawwa,
u bdiet il-kotra ċċapċap u ssellimlek
xħin qalbenin bdew jidhru
l-għassiesa wliedek.
Raw f'dirgħajhom is-saħħa,

ir-rieda qraw ġe qalbhom,
ġrajjietek kbar fuq ġbinhom. Għax l-Imgħoddi
mhux maħżuż biss fil-weraq ta' l-Istorja,
mhux biss imnaqqax fuq l-irħam bajdani
u jgħolli l-bniedem kburi
minn żmien għal ieħor f'nofs tal-belt il-imsierah
biex jgħallem lil uliedu;
iżda mikwi
bi dmugħ u demm l-egħżież missirijietna
b'kull wild li fetaħ minnhom,
u jidher fuq il-wiċċ meta l-qalb tagħdab.

U meta rajna dawk l-uċuh qalbiena
qalbna tqawwiet u ssaħħet,
għax nafu sewwa
li, merħija f'idejhom, Malta tagħna
kienet u tibqa' għal dejjem.

Fejn dari, Malta ċkejkna, kien hawn bosta
li qatt ma semgħu bik,
ma ssibx illum fid-dinja kollha rokna
li bik ma tistagħġibx
u minn għamilek kbir tieħu tagħlima.
Issokta żomm lill-għadu, kif żammejthom
mhux darba w tnejn
l-egħdewwa ta' żmien ilu. T'amtek f'Alla
minn dejjem kienet; u għalhekk l-għajnuna,
u magħha r-rebħa
qatt ma naqsitek.

Jien ġa qed nisma', għalkemm fil-bogħod
tinħanaq ġe widnejja,
mewwieta l-karba tal-kanuni kiefra,
u flokha toqrob fuq l-irjieħ ferrieħa
ħlewwa ta' qniepen ixandru
minn fuq il-knejjes kollha mxerrdin fuqek
mixtieqa s-sliema
fuq il-ħolqien;
u nara s-sema mriegħex qed jissaffa,
u jtir is-sħab u jwarrab
biex l-imrieżaq
jerġgħu mill-ġdid jhennuk bid-dawl u l-barka.

Arthur V. Vassallo

Londra, 1941.